MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2012

Numru. 719/2009

IL-PULIZIJA
SUPRETENDENT CARMELO MAGRI
VS
MICHAEL SULTANA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Michael Sultana, ta’ 37 sena, bin missier mhux maghruf u Josephine nee’ Sultana, imwieled Pieta’ fis-16 t’April 1972, u li joqghod fil-fond 66 Triq id-Dejqa Valletta, u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 188572(M).

Billi huwa akkuzat talli fl-4 t’April, 2009 ghall-habta tal-11.45 ta’ filghodu fi Triq Gorg Borg Olivier Sliema, kkommetta serq ta’stereo tal-marka ‘Pioneer’ u oggetti ohra minn vettura ta’ l-ghamla KIA Picanto bin-numru tar-registrazzjoni CBN 575 ghad-dannu ta’ Rita Galea mill-

Mqabba. Liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' l-istess Rita Galea, liema hsara tammonta ghal izjed minn mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda ma tskorrix l-elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69);

Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, u fil-granet ta'wara din id-data, xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, sar recidiv ai termini ta'l-Artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u dak ta' l-imputat , sabiex il-kaz jigi ttrattat bi procedura somarja;

Semghet l-ammissjoni ta'l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-ammissjoni ta' l-imputat wara li il-Qorti akkordat zmien ragenevoli ghall-ripensament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti issib lil-imputat Michael Sultana hati ta' l-ewwel, it-tieni u r-raba' akkuza, mhux hata tat-tielet akkuza li minnha tilliberah stante li hija alternattiva ghal akkuza ta'serq wara li rat l-Artikolu 49,

50, 261, 263, 264, 267, 271, 325 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-imputat Michael Muscat taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tlett snin (3), taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-*Probation Services* jew *Probation Officer* iehor minnu nominat, in oltre tordna il-hrug ta' *Treatment Order* fil-konfront ta' Michael Sultana ghall-perjodu ta' tlett snin (3) sabiex l-imputat jibda u jikkompleta sal-finalita tieghu il-programm ta' rijabilitazzjoni kontra droga ma' l-istituzzjonijiet tas-*Caritas* liema program ghandu jibda meta l-imputat jigi rilaxxat mid-detenzzjoni.

Din il-piena qedgha tigi akkordata in vista ta' l-amissjoni bikrija ta' l-imputat, il-Fedina Penali tieghu u l-fatt illi ir-reati li bihom jinstab mixli l-imputat, huma kollha konsegwenza tal-vizzju ikrah tad-droga li hakem lill-imputat.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem semplici is-sinjifikat u konsegwenzi ta' sentenza ta' supervizzjoni f'sentenza sospiza u *Treatment Order* .

Il-Qorti tordna kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Caritas u lid-Direttur tal-*Probation Services* li ghandu jirraporta bil-miktub fuq il-progress o meno ta' l-imputat kull sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------